# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR172222, Press Release Issue Date: Sep 30, 2017

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002 u r-Rakkomandazzjoni tal-UE 2013/647/UE, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (Rapid Alert System for Food and Feed), l-imsemmijin prodotti m'għandhomx jiġu kkunsmati minħabba l-possibilità ta' preżenza ta' biċċiet tal-plastik fl-istess prodotti.

Deskrizzjoni tal-Prodott: 4 varjetajiet ta' ċikkulata

Isem tal-Prodotti:
Waitrose 1 White Chocolate with Matcha Tea & Pistachio
Waitrose 1 Pistachio Milk Chocolate with Pistachio, Almond and Hazelnut
Waitrose 1 White Chocolate
Waitrose 1 Milk Chocolate with Feuilletine & sea salt

Ditta:
Waitrose

Użin:
85g

Data tad-Durabbilita`:
Best Before end: Jul 2018







Il-Kumpanija involuta ddikjarat li parti mill-konsenja laħqet inbiegħet, għaldaqstant id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat e-mail fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.